MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Numru. 1314/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs.**

**Gaetano Mark Savery**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Gaetano Mark Savery**, ta' hamsa u tletin (35) sena, bin Mark Gilbert u Carmen neé Spiteri, imwieled Dover fl-Ingilterra fit-8 ta' Settembru 1976, u huwa temporanjament residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin f'Paola, detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-Numru 88396(M), akkuzat talli:

1. fi Frar 2011, fis-snin ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37) ghad-detriment ta' Charles Basin minn San Gwann, ta' Shamison Busuttil minn Swieqi u ta' Kevin Busuttil;

2. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioé is-somma ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta' Charles Basin minn San Gwann, ta' Shamison Busuttil minn Swieqi u ta' Kevin Busuttil, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju;

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 6 ta' Novembru 2012 (*a fol.* 162) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 18, 293, 294, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 17, 23B, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Rat illi waqt l-udjenza tal-25 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 200), l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti li huwa hati tal-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-nota datata 6 ta' Novembru 2012 (*a fol.* 162) u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta li huwa hati tal-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-nota datata 6 ta' Novembru 2012 (*a fol.* 162) u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (Dok. "YF 2" – *a fol.* 6A), il-fatt li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u kif ukoll il-fatt li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jirrigwardaw ammont konsiderevoli ta' flus. M'hemmx dubju li l-imputat m'huwiex ser jibbenifika kompletament mill-fatt li huwa irregistra ammissjoni u dana *stante* li din l-ammissjoni giet registrata **biss** wara li l-Prosekuzzjoni kienet ddikjarat il-provi taghha maghluqa, u cioé l-ammissjoni tal-imputat giet registrata fi stadju avvanzat ferm ta' dawn il-proceduri. In vista ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata sentenza ta' prigunerija effettiva bil-ghan li ladarba jiskonta tali terminu ta' prigunerija jkun irriforma hatju u ma jergghax jaghmel l-izball li wettaq.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq ammissjoni, wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali datata 6 ta' Novembru 2012 u senjatament Artikoli 18, 293, 294, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Gaetano Mark Savery hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' tlitt (3) snin u sitt (6) xhur prigunerija.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex ihallas is-somma ta’ elf, tmien mija u sitta u disghin Euro u sebgha u disghin centezmu (€ 1896.97) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------